**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Guramentat nru : 245 /2020AGV :**

**RC**

**Vs**

**EMV**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors mahluf tal-attur R C datat 21 ta' Dicembru 2020 fejn eppremetta s-segwenti :-

1. Illi minn relazzjoni illi l-partijiet kellhom flimkien twieldet il-minuri N GC nhar il-21 ta' Frar 2015, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid relattiv, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. A.**

2. Illi din r-relazzjoni tkissret irrimedjabbliment minhabba agir mhux razzjonali da parti tal-konvenuta illi tbati minn mard ta' natura mentali liema agir kien jinkludi episodji ta' vjolenza, episodji ta' genn, fejn il-konvenuta thabbat rasha mal-hajt b'mod ghal kollox inkontrallabbli u episodji ohra illi rendew il-hajja tal-konvenuti flimkien impossibbli. Jinghad ukoll illi meta l-kontendenti bdew johorgu flimkien, il-konvenuta kienet diga ittentat tnehhi ruhha b'idejha u kienet tabbuza minn, sustanzi illegali.

3. Illi minhabba l-istat tal-konvenuta, wara ftit zmien illi twieldet il-minuri NGC il-kontendenti kienu marru joqghodu flimkien mal-genituri tal-esponenti, fid-dar taghhom gewwa 8, Triq Burglat, Gudja. Fil-fatt, il-minuri trabbiet hemm minn meta kellha seba' (7) xhur sal-bidu tax-xahar ta' Novembru tas-sena kurrenti. Id-dar fejn trabbiet il-minuri fiha gnien kbir, il-minuri ghandha l-kamra taghha, study-play area u hija ghandha l-pets taghha hemm hekk.

4. Illli il-konvenuta telqet minn din ir-residenza f'Jannar 2019 u kienet tara lill-minuri NGC skond il-kumdita taghha u sadanittant kemm l-esponenti kif ukoll il-konvenuta bdew diversi proceduri ta' medjazzjoni li gew maghluqa minhabba nuqqas ta' nteress u dana ghaliex il-kontendenti kienu

ftehmu, ghalkemm informalment illi l-minuri tibqa' tghix mal-esponenti u mal-familja tieghu billi hekk kien fl-ahjar interess taghha.

5. Illi nhar it-12 ta' Marzu 2020, il-konvenuta regghet ipprezentat ittra biex tinbeda medjazzjoni u kontestwalment rikors mizghud akkuzi fil-konfront tal-esponenti li bih talbet li tinghata l-kura u l-kustodja eskussiva u li l-esponenti jinghata access.

6. Illi dan r-rikors gie appuntat ghas-smiegh u trattat daqs li kieku kien il-kawza propja. Il-konvenuta pprezentat ruhha bhala persuna li riabilitat ruhha mill-vizzju tad-droga u illi kienet qieghda tiehu l-kura ghall-mard mentali taghha u illi ghalhekk it-tifla minuri kellha tittiehed mir-residenza fejn trabbiet, kif hawn fuq spjegat, u tibda tghix maghha.

7. Illi aghar minn hekk, biex zgur thammeg lill-esponenti b'mod mhux gustifikat il-konvenuta ghazlet illi tipprezenta bhala provi taghha dokumenti mehuda b'mod selettiv mill-proceduri ta' separazzjoni li minnhom ghaddej l-esponenti minn mal-ex mara tieghu fejn l-ex-mara tieghu akkuzatu falzament b'atti indicenti fuq binthom minuri u dana minkejja illi l-konvenuta taf, ghaliex l-esponenti kien jiftah qalbu maghha illi r-rapport redott mill-Magistrat Inkwerenti Ian Farrugia, gie konkluz hekk:- **<u>minn ezami akkurat tad-dokumentazzjoni kollha, il-Magistrat lill-istess sottofirmat hu tal-fehma soda illi ma hemm xejn li ghandu jinstiga lill-istess Magistat Inkwerenti jidderigi, lill-awtorita li tippresegwixxi biex tistitwixxi proceduri penali fil-konfront ta' R C rigward l-abbuz sesswali fuq il-minuri uliedu kif allegat. Illi konkluzjonijiet raggunti mill-esperti nominati jaghtu konfort u jsahhu l-fehma soda tal-Magistrat Inkwerenti u cioe' li ma ghandhomx</u>**

**jittiehdu proceduri penali kontra R C rigward l-abbuz sesswali fuq il-minuri uliedu kif allegat.**

8. Illi bid-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Novembru, 2020 fl-atti tal-medjazzjoni hawn fuq imsemmija , hija haditha qatta bla habel kontra l-esponenti b'mod xejn gustifikat, b'mod illi ma jikkunsidrawx l-interessi tal-minuri NGC b'mod ghal kollox maqtghuh mir-realta' tal-fatti inkluzi illi jigi ikkunsidrat l-ambjent fejn trabbiet il-minuri jew almenu illi jinhatar avukat tat-tfal u ddisponiet mir-rikors ili kien gie ipprezentat mill-konvenuta nhar it-12 ta' Marzu 2020, billi ordnat illi l-konvenuta jkollha l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri li b'effett immedjat kellha tibda tirrisjedi mal-konvenuta u inoltre ordnat illi l-access tal-esponenti jkun supervizjonat minn rapprezentant tal-Agenzija Appogg darbtejn fil-gimgha kull nhar ta' Tnejn u Gimgha mill-5:00PM sas-7:00PM.

9. Illi dina l-Onorabbli Qorti iddegredat ukoll dan illi gej il-Qorti tqis illi ma hemmx prospett ragonevoli li l-partijiet jilhqu ftehim ghaldaqstant tordna l-gheluq tal-medjazzjoni u tawtorizza lil-partijiet jipprocedu b'litigazzjoni fi zmien moghti mil-ligi. Kopja ta' dan id-digriet qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok.B.**

10. Illi minn dak in-nhar illi inghata d-digriet sal-gurnata tal-lum l-esponenti ghadu ma nghata l-ebda access ghal-bintu minuri NGC .

11. Illi ghandu jirrizulta ampjament illi huwa fil-interess suprem tal-minuri NGC illi hija tirrisjedi u tkun fil-kura u l-kustodja tal-esponenti u mhux tal-konvenuta.

12. Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

13. Illi l-esponenti jiddikjara illi jaf il-fatti hawn esposti personalment.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijet kollha premessi, wara illi jsiru d-dikjarazzjonjijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-esponenti illi qieghed hawn jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tafda l-kura u l-kusdodja tal-minuri NGC esklussivament f'idejn il-esponenti u tordna li l-minuri NGC ghandha tirrisjedi mal-esponenti.

2. Tistabbilixxi modalita ta' access favur il-konvenuta u b'dan illi l-konvenuta.

3. Tiffissa u tillikwida, jekk ikun il-kaz bl-opera ta perit nominandi ammont ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenuta lill-esponenti bhala manteniment ghall-minuri N GC filwaqt li tistabilixxi wkoll il-modalitajiet ta' kif jithallas il-manteniment u ta' kif ghandu jigi rivedut u awmentat;

4. Tordna u tikkundana lill-konvenuta sabiex thallas lill-esponenti dik is-somma ta manteniment hekk likwidat fit-talba precedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti u tordna il-manteniment jigi imnaqqas mill-paga ossia introjtu tal-konvenuta mill-impjieg xoghol taghha.

5. Tordna lill-konvenuta thallas nofs l-ispejjez relatati ma' sahha u edukazzjoni inkluz spejjez u mizati ta' attivitajiet kurrikulari u extra-kurrikulari tal-minuri NGC .

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' EMV datata 8 ta' Frar 2021, fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li ai termini tal-verbali ta' din l-Onorabbli Qorti datat it-13 ta' Jannar 2021 li l-kawza odjerna u l-kawza fl-ismiijet inversi bir-referenza numru 238/2020 ghandhom jinstemghu mill-istess Onorabbli Qorti stante li mal-prezentata gew assenjati quddiem zewg gudikanti diversi. Fid-dawl ta' dan l-esponenti umilment tissottometti li mhux biss talli z-zewg kawzi ghandhom jistemghu mill-istess gudikant talli l-provi li jingabru f'kawza minnhom ghandhom ikunu jaghmlu prova ghall-kawza l-ohra biex b'hekk il-kawzi jinstemghu kontestwalment flimkien jinqatghu flimkien u l-gbir tal-provi jkun aktar efficjenti u prattiku.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti taqbel mal-ewwel premessa u cioe' li frott ta' relazjoni li kellhom il-partijiet nhar-il-21 ta' Frar 2015 twieldet il-minuri NGC
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost l-esponenti tichad li r-relazzjoni tal-partijiet intemmet ghal ragunijiet li huma attriwibbli lilha jew li ghandha n-nuqqas jew il-mard imsemmi fit-tieni premessa tieghu u dana kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza odjerna kif ukoll fil-kawza 238/2020 fl-ismijiet inversi. Jibqa' l-fatt li gialadarba l-partijiet ma kienux mizzewgin, din l-

Onorabbli Qorti tista'  biss tiddeciedi fuq il-kwistjoni relatata mal-minuri N   u cioe x'inhu fl-ahjar interess taghha u xejn aktar.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti tirrivela li hija omm tajba u trid l-ahjar ghal bintha u ghalhekk tichad bl-akbar mod assolut l-allegazzjonijiet kollha li jaghmel ir-rikorrent fil-konfront taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jigi rilevat pero' li matul is-snin li l-esponenti kienet f'relazzjoni mar-rikorrent, liema relazzjoni tista' tissejjah bhala wahda tossika, l-istess esponenti spiccat vittma tal-karattru pussessiv, aggressiv, negattiv u vjolenti da parti tieghu bir-rizultat li spiccat tibza' minnu u spiccat kkontrollata minnu sal-punt li taghmel dak li jghid hu-sfortunatament l-esponenti kienet taf li jekk ma taghmilx dak li jrid hu , tispicca taqla' s-swat u tispicca rikattata ghax fil-passat ( u qabel ma bdiet ir-relazzjoni taghhom) kien hemm episodju fejn spiccat rikoverta l-isptar u tali episodju baqa' jintuza mill-intimat bhala rikatt u manipulazzjoni shiha. Wara tali episodju l-esponenti hadet l-ghajnuna necessarja minghand il-professjonisti, rpiljat u gabet is-sahha sabiex finalment tqum fuq saqajha u tohrog minn relazzjoni tant tossika li kellha mar-rikorrent u dan kollu kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza odjerna u fil-mori tal-kawza fl-ismijiet inversi 238/2020.

6. Minghajr pregudizzju ghas-suepost jinghad li l-esponenti kienet qieghda tigi mhedda kontinwament mir-rikorrent li jekk mhux ser taccetta d-demands tieghu ser juza dan l-episodju wiehed ta' djufija kontriha biex jirbah lit-tifla kif fil-fatt diga' prova jaghmel minghajr success fil-proceduri ta' medjazzjoni u kif qed jaghmel prezentament permezz tal-premessi tieghu fir-rikors promotur.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti tiddikjara li ghalkemm hu minnu li kien hemm zmien fejn kienet tghix mal-intimat u jew mal-familjari tieghu (jew ahjar kienet spiccat f'sitwazzjoni fejn kienet ikkontrollata minnu b'dan li lanqas kien ihalliha taghmel kuntatt mal-familjari taghha) imbaghad giet imkeccija minn hemm b'dan li l-aktar mod arbitrju u l-istess rikorrenti u l-familjari tieghu ddecidew li (dejjem skond huma) l-esponenti m'hijiex omm idoneja sabiex trabbi lill-minuri jew li tghix maghha u pruvaw li jgiegħluha tiffirma kuntratt fejn taghti l-kura u l-kustodja esklussiva lir-rikorrent taht il-pretensjoni li tkun tista' trabbi lill-minuri dejjem jekk jista jiehu lill-minuri minghandha minghajr ebda problema ta xejn. Fil-verita' r-rikorrent s'issa dejjem uza d-dominanza tieghu u l-fatt li l-esponenti fil-passat kienet tibza' minnu sabiex ikompli jghakkasha u dan anke billi jdawwar id-diskors u jghid sentenzi kontradittorji biex imbaghad juza tali kontradizzjoni kontra l-esponenti stess u jipprova jghaddiha ta' wahda li m'hijiex f'sensijha jew li m'hijiex kapaci kif diga' allega minghajr success fi stadju ta' medjazzjoni u kif qed jallegga fir-rikors promotur tieghu u kif ilu jaghmel ghal dawn l-ahhar snin u kif jigi pruvat fil-mori tal-kawza odjerna.

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost jigi rilevat li l-esponenti (ghajr ghax-xhur bejn il-25 ta' Jannar 2019 meta giet mkeccija mid-dar residenzjali tar-rikorrent u l-genituri tieghu sad-data tat-3 ta' Novembru 2020 meta l-Onorabbli Qorti kif diversament ippreseduta ordnat li l-minuri tmur tghix mal-esponenti) dejjem ghixet mal-istess minuri u dejjem hadet hsiebha bl-ahjar mod possibbli u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza. Fiz-zmien li l-esponenti ma kienetx tghix mal-minuri taht l-istess saqaf (mhux b'decizjoni taghha izda ghaliex ir-rikorrent ma ppermettix u ghaliex

kien ghaddej theddid kbir u intimidazzjoni kostanti li wassluha biex tirtira rikors li kienet intavolat taht il-premessa li kienu ser jirrangaw il-pendenzi ta' bejnithom b'mod bonarju l-esponenti baqghet f'kuntatt kontinwu mal-istess minuri (ghalkemm dejjem skond kif jghid u jiddetta r-rikorrent u mhux kif qed jipprova jallega li skond il-kumdita' tal-esponenti) sakemm finalment, hadet id-decizjoni difficli li tmur kontra l-forza kollha li kien qed jezercita fuqha r-rikorrent u tiggieled ghal bintha biex tassigura li ma jigrilha xejn u fil-fatt hekk sar.

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-supost , huwa fl-ahjar interess tal-minuri li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat it-3 ta' Novembru 2020 jigi konfermat fl-intier tieghu minn din l-Onorabbli Qorti u li l-minuri tibqa' tirrisjedi mal-esponenti ommha, u tibqa fil-kura u l-kustodja esklussiva taghha minuri u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza . Fid-dawl ta' dan l-ewwel talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda.

10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent m'huwiex idoneju sabiex irabbi lill-minuri u m'huwiex idoneju sabiex jigi fdat ikun wahdu mal-istess minuri u dan ghal ragunijiet serjissimi fosthom minhabba images ta' pedofelija tat-tfal li nstabet ghand l-istess rikorrent kif ukoll minhabba l-mod ta' kif jagixxi l-istess rikorrent fil-presenza ta' bintu (b'disrispett assolut lejn l-esponenti u bi kliem dispreggjattiv lejha) kif ukoll minhabba l-karattru tossiku u vjolenti tieghu u dan kif diga' gie kkonstatat minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-Digriet tat-3 ta' Novembru 2020, u kif ser jigi ampjament pruvat fil-mori tal-kawza odjerna u fil-mori tal-kawza fl-ismijiet inversi wkoll.

11. Illi minghajr pregudizzju ghalhekk l-esponenti ssostni li l-access tar-rikorrent ghal bintu N ghandu jkun taht supervizjoni kif wara kollox gie

ordnat minn din l-istess Onorabbli Qorti permezz tad-digriet taghha tat-3 ta' Novembru 2020 u li fl-ebda mument il-missier ma jithalla wahdu mal-istess minuri. Fid-dawl ta' dan it-tieni talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda stante li l-access (dejjem taht supervizjoni u dejjem jekk ikun fl-ahjar tal-minuri li jigi ezercitat)ghandu jigi ezercitat mir-rikorrent u mhux mill-esponenti).

12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-inkjest magisterjali la tezonera (kif jipprova jargumenta r-rikorrent) u lanqas issib htija fih – gie stabbilit biss li l-minuri wliedu minn martu JC kienu zghar wisq biex iwasslu ghal sitwazzjoni fejn jittiehed proceduri kriminali fil-konfront tieghu – altru minn sentenza li tezonerah.

13. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat li din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta ittellghu jixhdu quddiemha numru ta' xhieda apparti l-fatt li xehdu l-partijiet fit-tul u sarilhom ukoll il-kontro- ezami u z-zewg partijiet kellhom l-opportunita' li jressqu dawk il-provi kollha li dehrilhom li kienu xierqa u opportuni fic-cirkustanzi u ghalhekk certament ma jistax jinghad li l-istess Onorabbli Qorti hadet tali decizjoni b'mod li mhux gustifikat jew li ma jikkunsidrax l-interess tal-minuri N. Lanqas ma jista jinghad li permezz ta' tali digriet il-Qorti haditha qatta bla habel kontra r-rikorrent kif qed jipprova jargumenta izda gie korrettament konstatat u stabbli li r-rikorrent mhux idoneju sabiex irabbi minuri u lanqas hu idoneju li jkun wahdu mal-istess minuri. Ghall-kuntrarju, ta' dak li qed jallega r-rikorrent jinghad li tali digriet inghata proprju fl-ahjar interess tal-istess minuri u sabiex sahhitha (kemm fizikament kif ukoll mentalment u psikologikament) jigu salvagwardjati.

14. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ghandha l-karatteristici kollha, l-abbilitajiet kollha u s-sapport kollu rikjest sabiex tghajjex u trabbi lill-minuri b'mod esklussiv tiehu d-decizjonijiet kollha relatati mal-istess minuri wahedha u taghti hajja serena u trankwilla lill-istess minuri kif wara kollox issa qieghda taghmel b'success u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

15. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, hu fl-ahjar interess tal-minuri li r-rikorrenti tigi fdata esklussivament bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri N r-residenza tal-istess minuri tkun mar-rikorrenti ommha, li d-decizjonijiet relatati mal-istess minuri (kemm dawk ordinari kif ukoll dawk straordinarji) jittiehdu esklussivament mir-rikorrenti ommha, li kwalunkwe dokument jew hrug jew applikazzjoni ta' passaport isir esklusivament mir-rikorrenti omm ukoll u dan kif ser jirrizulta ahjar fil-mori tal-kawza.

16. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, minkejja l-pretensjoni tar-rikorrent u l-premessi tieghu suppost ibbazati fuq il-principji tal-ahjar interess ta' bintu, minn mindu l-istess bintu bdiet tghix mal-esponenti(wara d-digriet tat-3 ta' Novembru 2020) r-rikorrent ghadu qatt ma hallas xi forma ta' manteniment ghal-istess bintu b'dan li kellu jigi ntavolat rikors f'dan is-sens li ghadu pendenti. Fid-dawl ta'dan kif ukoll ta' dak suespost (b'referenza partikolari ghal-kura u l-kustodja u r-residenza tal-istess minuri li jigu kkonfermati f'idejn l-esponenti), kwalukwe manteniment ghall-minuri li jigi likwidat ghandu jkun pagabbli mir-rikorrent versu l-esponenti u mhux vici-versa u ghalhekk it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

**Bl-ispejjez.**

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Peress li dina l-kawza miexja kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet inversi **EM V vs RC Rik. Nru. 238/2020** li qed jigi deciz illum ukoll, l-istess xhieda u konsiderazzjonijiet japplikaw ghal dina s-sentenza.

**<u>DECIDE</u>**

Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu li gie deciz fil-kawza fl-ismijiet inversi **RMV vs RC Rik. Nru. 238/2020** dina l-Qorti tichad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**